MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) GURISDIZZJONI SUPERJURI

## MAGISTRAT DR. PAUL COPPINI

Seduta tat-13 ta' Marzu, 2009

Citazzjoni Numru. 177/1994/1

Francis Cauchi bħala mandatarju tal-
Imsefrin Rita mart Giuseppe Azzopardi,
Angela mart Mario Cavalcante,
Lilian mart Jim Zepceyski, u
Jane mart Joseph Borg;
kif debitament awtorizzat bis-saħħa ta'
żewġ prokuri hawn annessi u markati
V u Y rispettivament;

Salvina mart Francis Cauchi,

Annunziata u Loreta aħwa Xuereb;

Antonio, Francis,
Maria mart Vincent Theuma Xerri, u
Maria Dolores mart Vincent Apap,
Ilkoll aħwa Grech;

Loreto, Salvu, Marianne mart Joseph Xerri,
Carmela mart Anthony Sammut,

Paul, Antonia mart Anthony Mercieca,
Rita mart John Borg, u Agnes mart
Baskal Camilleri, ilkoll aħwa Xuereb,
U b'degriet tal-15 ta' Ottubru 1996
fost l-atturi jiżdiedu :
Angelo Muscat, Giuzepp Muscat,
U Anthony, Charmaine xebba,
Lorraine, Xebba,
Josephine sive Joyce mart Anthony Mizzi,
Miriam mizzewġa Xuereb, ilkoll
Aħwa Muscat, u l-istess Charmaine Muscat
Kemm f'isimha proprio kif ukoll f'isem ħutha
Imsefrin Lydia miżżewġa Azzopardi, u
Raymond Muscat.

vs

Angelo Buttigieg;

Anthony Buttigieg;

L-avukat Dottor Mario Scerri li b'degriet
Tal-20 ta' Marzu 1995 ġie nominat kuratur
Deputat sabiex jirrappreżenta lill-imsiefer
Francis Buttigieg; Anthony Mizzi; Sylvia Grech; u

L-avukat Dottor Mario Scerri li b'degriet
tal-20 ta' Marzu 1995 ġie nominat kuratur deputat
sabiex jirrappreżenta lill-imsiefra Consiglia Vella
u b'degriet tat-3 ta' Ottubru 1995,
Dr. Albert Camilleri assuma l-atti tal-kawża
f'isem Consiglia Vella flok Dr. Mario Scerri;

Pauline Magri,

Joseph Mizzi, u

Mary Ciappara.

Il-Qorti,

Rat iċ-ċitazzjoni li permezz tagħha l-atturi, wara li ppremettew illi:

Illi fis-sitta u għoxrin (26) ta’ Ottubru 1844 ġie ċelebrat iż-żwieġ bejn Joseph Xuereb u Maria Debono; illi sussegwentement mietu rispettivament fit-tmienja (8) ta’ Lulju elf tmien mija u tmienja u disgħin (1898), u wieħed u għoxrin (21) ta’ Mejju elf disa’ mija u tnejn (1902);

Illi waqt illi Joseph Xuereb miet intestat martu rrediġiet testment fl-atti tan-Nutar Giuseppi Camilleri fil-ħamsa (5) ta’ Jannar elf tmien mija u erbgħa u disgħin (1894) fejn pero’ ma innominatx eredi;

Illi għaldaqstant illi dawn il-konjuġi Xuereb wirtuhom skond il-liġi, l-erba’ ulied tagħhom Concetta sive Maria Concetta xebba, Paul, Rose xebba, u Michaelangelo fi kwota ta’ kwart kull wieħed u waħda minnhom;

Illi Rose Xuereb mietet xebba u intestata fit-tnejn (2) ta’ Awissu elf disa’ mija u tmintax (1918), filwaqt illi Concetta mietet ukoll xebba u intestata fit-tnax (12) ta’ Jannar elf disa’ mija u tnjen u tletin (1932);

Illi fil-frattemp kien miet ukoll, fid-dsatax (19) ta’ Gunju elf disa’ mija u għoxrin (1920) Paul Xuereb illi kien iżżewweġ lil Angela Buttigieg u kellu sitt ulied, eżattament Maria magħrufa bħala Loreta mart Carmelo Muscat, Michael, Joseph, Concetta sive Maria Concetta, Angelo, u Salvu ilkoll aħwa Xuereb;

Illi Joseph Xuereb miet ġuvni u improle fil-... u bis-saħħa tat-testment tiegħu fl-atti tan-Nutar Giuseppi Grech tad-disgħa (9) ta’ Lulju elf disa’ mija u sebgħin (1970), hu innomina bħala eredi tiegħu lil oħtu Concetta Xuereb;

Illi Michael Xuereb miet ġuvni fis-sebgħa (7) ta’ Diċembru elf disa’ mija ħamsa u sebgħin, intestat, u għalhekk sehmu waqa’ ex lege fi kwota ta’ kwarta parti kull wieħed u waħda t-tlett huti superstiti Maria sive Loreta Muscat, Concetta, u Angelo, u ulied ħuh predefunt Salvu Xuereb.

Illi Concetta Xuereb mietet xebba fil-erbatax (14) ta’ Ġunju elf disa’ mija sitta u sebgħin (1976) u bit-testment tagħha

fl-atti tan-Nutar Giuseppi Cauchi tal-ħdax (11) ta' Diċembru elf disa' mija ħamsa u sebgħin, innominat eredi universali tagħha lil Pawla Grech;

Illi l-imsemmi Salvu Xuereb kien miet fl-għoxrin (20) ta' Novembru elf disa' mija u erbatax (1914) u ħalla jissopravivah ibnu uniku Joseph Xuereb; illi ukoll kien miet fit-tleita (3) ta' Marzu elf disa' mija ħamsa u sittin (1965), u ħalla jissopravivuh it-tmien uliedu Loreto, Salvu, Marianne Xerri, Carmela Sammut, Paul, Antonia Mercieca, Rita Borg, u Agnes Camilleri l-atturi.

Illi Angelo Xuereb mioet fl-għaxra (10) ta' Lulju elf disa' mija erbgħa u erbgħin (1944) u ssopravivewh uliedu Rita Azzopardi, Pawlu, Salvina Cauchi, Annunziata u Loreto lkoll atturi barru Pawlu.

Illi l-imsemmi Pawlu Xuereb miet fit-tlieta u għoxrin (23) ta' Mejju elf disa' mija tnejn u tmenin (1982) u ssopravivewh l-erba' uliedu Angela Cavalcante, Lilian Zepceyski, Jane Borg u Frank Xuereb – ilkoll atturi barra Frank.

Illi l-imsemmi Frank Xuereb miet improle u intestat fl-esteru fis-sebgħa (7) ta' Diċembru elf disa' mija sebgħa u tmenin (1987).

Illi Maria Muscat mietet fit-tlettax (13) ta' Frar elf disa' mija sebgħa u tmenin (1987), u wirtitha bintha unika Pawla mart Emanuel Grech.

Illi Pawla Grech ukoll mietet fid-disgħa u għoxrin (29) ta' Mejju elf disa' mija erbgħa u disgħin (1994), u lil din wirtuha l-erba' uliedha Antonio, Francis, Maria Theuma Xerri u Maria Dolores Apap, ilkoll atturi.

Illi Michaelangelo Xuereb miet fl-elf disa' mija u erbgħin (1940) u lil dan wirtuh ab intestato l-erba' uliedu illi huma Giusepp, Antonia xebba, Lorenzo, u Maria mart Salvu Buttigieg; stante illi fit-testmenti tiegħu pubblikati minn Nutar Angelo Cauchi fit-tlieta (3) ta' Jannar elf disa' mija sitta u tletin (1936), u tlieta u għoxrin ta' Lulju elf disa'

mija sitta u tletin (1936) rispettivament hu ma innominax eredi;

Illi Lorenzo Xuereb miet fid-disgħa (9) ta' April, 1976, ġuvni u improle u ħalla tirtu lill-konvenuta Consiglia Vella kif rappreżentata bis-saħħa tat-testment tiegħu in atti Nutar Giuseppi Cauchi tas-sittax (16) ta' Ottubru elf disa' mija ħamsa u sebgħin (1975).

Illi Joseph u Antonia Xuereb ukoll mietu improle – ġuvni u xebba rispettivament, fl-erbgħa (4) ta' Novembru elf disa' mija tlieta u sittin (1963) u fit-tlieta u għoxrin (23) ta' Jannar elf disa' mija erbgħa u sebghin (1974) rispettivament, u fil-waqt illi Joseph Xuereb miet intestat u għalhekk sehmu għadda fuq tlett ħuti superstiti għalih; Antonia Xuereb ħalliet lil Lorenzo Xuereb bħala eredi tagħha in forza tat-testment tagħha illi qiegħed jiġi esebit ma' din l-istess nota;

Illi dan ġara stante illi Maria Buttigieg kienet mietet fit-tnejn u għoxrin (22) ta' Jannar elf disa' mija sebgħa u ħamsin (1957), u lil din wirtuha uliedha illi huma Giusepp, Rose mart Paul Mizzi, Emanuel, Carmela miżżewġa Tabone, Francis, Anthony, u Angelo aħwa Buttigieg.

Illi l-aħħar tlett aħwa Buttigieg imsemmija huma fost il-konvenuti odjerni mentri Carmela Tabone, Emanuel, u Giusepp Buttigieg ilkoll mietu mingħajr ulied u għalhekk sehemhom waqa' fuq ħuthom superstiti.

Illi Rosina Mizzi mietet fit-tlieta u għoxrin (23) ta' Diċembru elf disa' mija u disgħin (1990), u lil din wirtuha s-sitt uliedha, Anthony Mizzi, Joseph Mizzi, Mary Ciappara, Consiglia Vella, Pauline Magri, u Sylvia Grech – ilkoll konvenuti.

Illi għalhekk l-assi illi oriġinarjament kienu jappartjnu lil Joseph Xuereb, lil martu Maria Xuereb, u liż-żewġ uliedu xebbiet Concetta sive Maria Concetta, u Rose Xuereb illum jappartjenu kwantu għan-nofs l-ieħor lill-atturi fil-waqt illi n-nofs l-ieħor illum jappartjeni lill-konvenuti bejniethom fil-kwoti hawn taħt indikati:

Angela Muscat, Salvina Spiteri, u Giuseppe Muscat għandhom kwota ta' ħames partijiet minn mija u tnejn u disgħin parti indiviża kull wieħed: 5/192 x 3.

Antonio, Francis, Maria Theuma Xerri u Maria Dolores Apap aħwa Grech għandhom kwota ta' wieħed u erbgħin parti minn seba' mija u tmienja u sittin parti indiviża kull wieħed u waħda: 41/768 x 4.

Rita Azzopardi, Salvina Cauchi, Annunziata, u Loreto aħwa Xuereb għandhom kwota ta' parti waħda minn tmienja u erbgħin parti indiviża kull wieħed u waħda: 1/48 x 4.

Angela Cavalcante, Lilian Zepceyski, u Jane Borg aħwa Xuereb għandhom parti waħda minn mija u erbgħa u erbgħin indiviżi kull waħda: 1/144 x 3.

Loreto, Salvu, Marianne Scerri, Carmela Sammut, Paul, Antonia Mercieca, Rita Borg, u Agnes Camilleri aħwa Xuereb għandhom kwota ta' ħames partijiet minn tlett mija u erbgħa u tmenin parti kull wieħed u waħda: 5/384 x 8.

Il-kwota spettanti lil Angelo, Francesco u Anthony aħwa Buttigieg trid tkun ta' parti waħda minn erbgħa u għoxrin (1/24) kull wieħed: 1/24 x 3.

Il-kwota spettanti lil Anthony, Joseph, Mary Ciappara, Silvia Grech u Pauline Magri, aħwa Mizzi għandha tkun ta' parti waħda minn mija u erbgħa u erbgħin (1/144) kull wieħed u waħda: 1/144 x 5.

Il-kwota spettanti lil Consiglia Vella għandha tkun ta' parti waħda minn erbgħa u għoxrin (1/24) u ta' parti oħra minn mija u erbgħa u erbgħin (1/144) – b'kollox seba' partijiet minn mija u erbgħa u erbgħin (7/144):

Illi l-atturi jridu jiddividu u jaqsmu l-wirt ta' Joseph Xuereb, Maria Xuereb, Concetta Xuereb u Rose Xuereb.

Talbu lill-konvenuti jgħidu għaliex m'għandhiex din il-Qorti:

1. Tillikwida l-komunjoni tal-akkwisti ġia eżistenti bejn Joseph u Maria konjuġi Xuereb billi tiddikjara illi kienet tikkonsisti fil-beni illi jirriżultaw waqt it-trattazzjoni tal-kawża;
2. Taqsam u tiddividi l-istess komunjoni tal-akkwisti f'żewġ porzjonijiet ugwali illi jiġu assenjati waħda

lill-assi ereditarji ta' Joseph Xuereb, u l-oħra lill-assi ereditarji ta' Maria Xuereb;

3. Tillikwida l-assi ereditarji ta' Joseph Xuereb billi tiddikjara illi jikkonsistu f'nofs il-komunjoni tal-akkwisti likwidata u assenjata lilu kif fuq mitlub u f'dawk il-beni l-oħra parafernali illi jirriżultaw waqt it-trattazzjoni tal-kawża;

4. Tillikwida l-assi ereditarji ta' Maria Xuereb billi tiddikjara illi jikkonsistu f'nofs il-komunjoni tal-akkwisti likwidata u assenjata lilu kif fuq mitlub u f'dawk il-beni l-oħra parafernali illi jirriżultaw waqt it-trattazzjoni tal-kawża;

5. Taqsam u tiddividi l-assi ereditarji ta' Joseph u Maria konjuġi Xuereb f'erba' porzjonijiet ugwali illi jiġu assenjati waħda kull wieħed lil Concetta sive Maria Concdetta; Paul; Rose; u Michaelangelo Xuereb;

6. Tillikwida l-assi ereditarji ta' Rose xebba Xuereb billi tiddikjara illi jikkonsistu fil-kwart tal-assi ereditarji ta' kull wieħed mill-ġenituri tagħha assenjati lilha kif fuq ingħad u f'dawk il-beni l-oħra illi jirriżultaw waqt it-trattazzjoni tal-kawża;

7. tiddividi l-assi ereditarji tal-imsemmija Rose Xuereb fi tlett porzjonijiet ugwali illi jiġu assenjati waħda kull wieħed lit-tlett ħutha Concetta sive Maria Concetta, Paul u Michaelangelo.

8. Tillikwida l-assi ereditarji ta' Concetta sive Maria Concetta Xuereb billi tiddikjara illi jikkonsistu fil-kwart tal-assi ereditarji ta' kull wieħed mill-ġenituri tagħha assenjati lilha kif fuq ingħad, f'terz tal-assi ereditarji ta' oħtha Rose Xuereb assenjati lilha kif fuq mitlub u f'dawk il-beni l-oħra illi jirriżultaw waqt it-trattazzjoni tal-kawża.

9. Tiddividi l-assi ereditarji tal-imsemmija Concetta sive Maria Concetta Xuereb f'żewġ porzjonijiet ugwali illi jiġu assenjati waħda kull wieħed lill-assi ereditarji taż-żewġ ħutha Paul u Michaelangelo.

10. Tillikwida l-assi ereditarji ta' Paul Xuereb billi tiddikjara illi jikkonsistu fil-kwart tal-assi ereditarji ta' kull wieħed mill-ġenituri tagħha assenjati lilha kif fuq ingħad, f'terz tal-assi ereditarji ta' oħtu Rose Xuereb u f'nofs l-assi ereditarji ta' oħtu Concetta Xuereb assenjati lilu kif fuq mitlub u f'dawk il-beni l-oħra illi jirriżultaw waqt it-trattazzjoni tal-kawża;

11. Tiddividi l-assi ereditarji tal-imsemmi Paul f'sitt porzjonijiet ugwali illi jiġu assenjati waħda kull wieħed lill-assi ereditarji tas-sitt uliedu Maria Muscat, Michael, Joseph, Concetta, Angelo, u Salvu Xuereb.

12. Tillikwida l-assi ereditarji ta' Joseph Xuereb, u tassenjahom lil oħtu Concetta Xuereb bħala eredi unika tiegħu;

13. Tillikwida l-assi ereditarji ta' Michael Xuereb, u tassenjahom fi kwota ta' kwarti parti kull wieħed lill-assi ereditarji tal-erba' ħutu Concetta, Maria Muscat, Angelo Xuereb, u Salvu Xuereb;

14. Tillikwida l-assi ereditarji ta' Concetta Xuereb u tassenjahom lil Pawla Grech bħala eredi universali tagħha;

15. Tillikwida l-assi ereditarji ta' Maria Muscat u tassenjahom fi kwota ta' kwarta parti kull wieħed lill-erba' uliedha Angelo, Salvina Spiteri, Pawla Grech u Giusepp.

16. Tillikwida l-assi ereditarji ta' Pawla Grech u tassenjahom fi kwota ta' kwarta parti kull wieħed lill-erba' uliedha Antonio, Francis, Maria Theuma Xerri, u Maria Dolores Apap.

17. Tillikwida l-assi ereditarji ta' Angelo Xuereb u tassenjahom fi kwota ta' kwinta parti kull wieħed lil ħames uliedu Rita Azzopardi, Pawlu, Salvina Cauchi, Annunziata xebba, u Loreto.

18. Tillikwida l-assi ereditarji ta' Pawlu Xuereb u tassenjahom fi kwota ta' kwarta parti kull wieħed lil Angela

Cavalcante, Lillian Zepceyski, Jane Borg u Frank Xuereb, uliedu;

19. Tillikwida l-assi ereditarji ta' Frank Xuereb u tassenjahom fi kwota ta' terza parti kull wieħed lit-tlett ħutu superstiti Angela Cavalcante, Lillian Zepceyski, Jane Borg.

20. Tillikwida l-assi ereditarji ta' Michaelangelo Xuereb u tassenjahom fi kwota ta' kwarta parti kull wieħed lill-assi ereditarji tal-erba' uliedu Lorenzo, Maria Buttigieg, Antonia xebba u Francesco;

21. Tillikwida l-assi ereditarji ta' Francesco Buttigieg u tassenjahom fi kwota ta' terza parti kull wieħed u waħda lit-tlett ħutu Maria Buttigieg, Antonia u Lorenzo;

22. Tillikwida l-assi ereditarji ta' Antonia Buttigieg u tassenjahom fi kwota ta' nofs kull wieħed u waħda liż-żewġ hutħa Maria Buttigieg u Lorenzo;

23. Tillikwida l-assi ereditarji ta' Lorenzo Buttigieg u tassenjahom lil Consiglia Vella bħala eredi universli tiegħu;

24. Tillikwida l-assi ereditarji ta' Maria Buttigieg u tassenjahom fi kwota ta' settima parti kull wieħed u waħda lis-seba' uliedha Angelo, Giusepp, Rose Mizzi, Emanuel, Carmela Tabone, Francis, u Anthony.

25. Tillikwida l-assi ereditarji ta' Giusepp Buttigieg u tassenjahom fi kwota ta' sesta parti kull wieħed lill-assi ereditarji tas-sitt ħutu l-oħra imsemmija fil-paragrafu 24;

26. Tillikwida l-assi ereditarji ta' Emanuel Buttigieg u tassenjahom fi kwota ta' kwinta parti lir-rimanenti ħutu;

27. Tillikwida l-assi ereditarji ta' Carmela Tabone u tassenjahom fi kwota ta' kwarta parti lir-rimanenti ħutha;

28. Finalment tillikwida l-assi ereditarji ta' Rose Mizzi u tassenjahom fi kwota ta' sesta parti kull wieħed lis-sitt uliedha: Anthony, Joseph, Mary Ciappara, Silvia Grech, Consiglia Vella, u Pauline Magri;

29. Tinnomina Nutar Pubbliku sabiex jippubblika l-att opportun ta' diviżjoni u assenjazzjoni fil-jum, ħin u lok illi jiġu għalhekk iffissati, u taħtar kuraturi sabiex jirrappreżenaw l-eventwali kontumaci fuq dan l-istess att; u f'kaz illi jirriżulta illi l-assi in diviżjoni ma humiex komodament divizibbli tordna l-bejgh in liċitazzjoni ta' dawn l-istess assi ereditarji.

Rat id-dikjarazzjoni tal-fatti ta' l-atturi kkonfermata bil-ġurament ta' Francis Cauchi.

Rat in-nota ta' l-eċċezzjonijiet tal-konvenut Dottor Mario Scerri fil-kwalita' tiegħu ta' kuratur ta' l-imsefrin Francis Buttigieg, Consiglia Vella, Pauline Magri, Joseph Mizzi u Mary Ciappara, nominat bid-digriet tagħha ta' l-20 ta' Marzu 1995, li eċċepixxa illi:

1. Illi huwa ma jopponix ruħu għad-diviżjoni tal-wirtijiet oġġett tal-kawża purche' li l-ewwel u qabel kollox tiġi stabbilita l-konsistenza tal-assi in diviżjoni u jiġu verifikati l-kwoti tal-kondividenti kollha;

2. Illi l-eċċipjent jinsab sprovvist mill-indirizzi tal-partijiet minnu rappreżentati u għalhekk jitlob li jingħata l-indirizz fejn ikun jista' jikkomunika magħhom.

3. Salvi eċċezzjonijiet ulterjuri fid-dritt u fil-fatt.

Rat id-dikjarazzjoni tal-fatti ta' l-istess konvenut nomine kkonfermata bil-ġurament tiegħu.

Rat in-nota ta' l-eċċezzjonijiet tal-konvenut Anthony Mizzi, li biha eċċepixxa illi:

1. Illi qabel xejn jinħtieġ li jiġu regolarizzati l-atti inkwantu hemm diversi persuni li għandhom jekk għal

sehem mill-wirtijiet in diviżjoni li ma ġewx ċitati f'din il-kawża.

2. Illi huwa ma jopponix għat-talbiet attriċi salv li jsiru verifiki tal-kwoti u tal-konsistenzi tal-wirtijiet in diviżjoni stante li l-esponenti ma jaqblux mal-kwoti indikati fiċ-ċitazzjoni. Inoltre għandu jittieħed in konsiderazzjoni l-fatt li l-eċċipjenti huwa l-eredi esklussiv ta' Carmela Tabone li l-atturi naqsu li jsemmu fiċ-ċitazzjoni.

Salvi eċċezzjonijiet ulterjuri.

Rat id-dikjarazzjoni tal-fatti ta' l-istess konvenut, ikkonfermata bil-ġurament tiegħu.

Rat id-digriet tagħha tat-3 ta' Ottubru 1995 li bih laqgħet it-talba' ta' l-avukat Dottor Albert Camilleri sabiex jassumi l-atti għan-nom ta' l-imsiefra Maria Consiglia Vella minflok il-kuratur Dottor Mario Scerri.
Rat in-nota ta' l-eċċezzjonijiet tal-konvenut Angelo Buttigieg li eċċepixxa illi:

1. Illi fl-ewwel lok irid jingħad li l-wirtijiet kollha involuti fil-qasma, kellhom jiġu korretti u denunzjati qabel ma jiddaħħlu għall-qasma u għalhekk qabel ma ssir dina l-korrezzjoni dina l-kawża ma tistax timxi 'l quddiem;

2. Illi mingħajr l-ebda preġudizzju għal ewwel eċċezzjoni, il-konvenut jeċċepixxi l-preskrizzjoni estintiva trentennali;

3. illi fil-mertu u mingħajr l-ewwel preġudizzju għal ewwel żewġ eċċezzjonijiet, il-konvenut ma jopponix ruħu għad-diviżjoni kif mitluba, salv dejjem li jiġu vverifikati l-kwoti tal-kontendenti u l-provenjenza tal-beni in diviżjoni.

4. salvi eċċezzjonijiet oħra fid-dritt u fil-fatt.

Rat id-dikjarazzjoni tal-fatti ta' l-istess konvenut konfermata bil-ġurament tiegħu.

Rat id-digriet tagħha tas-17 ta' Mejju 1996 fejn innominat lill-avukat Dottor Aaron Attard Hili bħala perit legali f'din il-kawża.

Rat id-digriet tagħha ta' l-10 ta' April 2003 fejn awtorizzat lill-istess Dottor Attard Hili sabiex ikompli jiġbor il-provi f'din il-kawża bħala Assistant Gudizzjarju tagħha.

Rat id-digriet tagħha tat-28 ta' Jannar 2005 fejn innominat lill-A.I.C. Edward Scerri bħala perit tekniku f'din il-kawża, sabiex jirrelata jekk il-fondi in diviżjoni humiex komodament diviżibbli bejn il-kontendenti.

Rat il-verbal tagħha tal-24 ta' Ottubru 2008 fejn ħalliet il-kawża għal-lum għas-sentenza.

Rat in-Noti ta' l-Osservazzjonijiet rispettivi ta' l-atturi u tal-konvenuta Consiglia Vella.

Rat l-atti l-oħra kollha tal-kawża, inklużi l-verbali tax-xhieda mismugħa, u l-affidavits u dokumenti esebiti.

Ikkunsidrat:

Illi permezz ta' din il-kawża l-atturi talbu l-likwidazzjoni u diviżjoni tal-beni appartenenti l-assi ereditarji tal-mejtin Joseph Xuereb u martu Maria nee' Debono, li mietu rispettivament fit-8 ta' Lulju 1898 u fil-21 ta' Mejju 1902.

Il-kontendenti kollha jidher li jaqblu li l-beni mmobbli li dawn kellhom fl-epoka tal-mewt tagħhom kienu unikament żewġ biċċiet raba' magħrufa "tal-Klin" li tidħol għalihom minn Triq iż-Żewwieqa, l-Qala, li huma ndikati bl-ittri"A" u "B" fuq is-*survey sheet* esebita bħala Dok. FC 1 a fol. 191 tal-proċess u fuq il-pjanti esebiti bħala Dok. FC 2 u FC 3 a fol. 192 u 193 tal-proċess. Imma filwaqt illi l-kontendenti kollha, ħlief il-konvenuta Consiglia Vella, jaqblu li dawn iż-żewġ biċċiet raba għadhom ipposeduti in komun bejniethom, il-konvenuta Consiglia Vella, minkejja li ma ppreżentat ebda eċċezzjoni formali f'dan is-sens, qed tinsisti illi: (i) fir-rigward tal-porzjon raba' indikata bl-ittra "A", din mhix kollha għall-qasma, imma biss dik il-parti li

mhix immarkata bil-kulur aħmar fuq il-pjanta minnha esebita ma' n-nota tagħha ta' l-1 ta' Diċembru 2006,[1] u (ii) fir-rigward tal-porzjon raba' indikata bl-ittra "B", din m'għadhiex għall-qasma, għax kienet ġiet diviża fiżikament xi żmien ilu bejna u l-werrieta l-oħra ta' Joseph Xuereb, u lilha ġiet assenjata l-parti immarkata bil-kulur blu fuq il-pjanta minnha esebita bħala Dok. MK 15[2] flimkien ma' l-istess Nota, filwaqt illi lill-eredi l-oħra ta' Joseph Xuereb messithom il-parti mmarkata bil-kulur aħdar fuq l-istess pjanta.[3]

F'din in-nota tagħha l-konvenuta Consiglia Vella tissottometti illi l-parti ndikata bl-aħmar fuq il-pjanta Dok. MK 2 annessa ma' l-istess nota, ġiet fil-pussess tagħha bħala werrieta universali ta' Lorenzo Xuereb, bin Michelangelo, li kien wieħed mis-seba' ulied tal-konjuġi Joseph u Maria Xuereb, li lilhom kienu oriġinarjament jappertjenu dawn iż-żewġ porzjonijiet raba. Skond ma tikkontendi l-istess konvenuta, din il-biċċa raba kienet saret ta' Lorenzo Xuereb bis-saħħa tal-preskrizzjoni trentennali.

L-artikolu 2107 (1) tal-Kap. 16 jiddisponi li:

"**Il-preskrizzjoni hija mod ta' akkwist ta' jedd b'pussess kontinwu, mhux miksur, pacifiku, pubbliku, u mhux ekwivoku, għal żmien li tgħid il-liġi**."

Dwar dan l-artikolu, adottat mill-Kodiċi Napoleoniku[4], il-**Baudry-Lacantinerie** jispjega illi:

"*Le condizioni enumerate da questo articolo sono richieste per ogni prescrizione acquisitiva, tanto per la prescrizione da dieci a venti anni, quanto per quella di trenta. Tutte tendono a denunciare al vero proprietario l'usurpazione che e' stata commessa di lui, e a metterlo in grado di respingerla. Di queste condizioni quattro soltanto*

[1] Ara pjanta a fol. 216 tal-process .
[2] Dok. MK 15 a fol. 234 .
[3] ara Nota tal-konvenuta Consiglia Vella ta' l-1 ta' Dicembru 2006 a fol. 213 - 214 tal-process .
[4] c. f. art. 2229 Kodici Civili Taljan; .

*si riferiscono, in modo esatto a qualita' del possesso, e all'assenza dei vizi del possesso; queste contemplano il carattere continuo, pacifico, pubblico, e non equivoco del possesso. L'interruzione e' infatti la cessazione del possesso, e non ne e' soltanto un vizio; quanto all'intenzione di comportarsi come proprietario, nel nostro diritto attuale, e' un elemento essenziale del possesso.”*[5]

Dwar il-kundizzjoni tal-**kontinwita' u nuqqas ta' interruzjoni**, l-istess awtur ifisser illi:

*“ Il possesso e' continuo, quando e' senza intermittenze e senza lacune… perche' il possesso sia continuo non e' necessario che il possessore sia stato in contatto costante con la cosa; a questo modo non vi sarebbe prescrizione possibile. Basta che abbia compiuto regolarmente i diversi atti di godimento di cui la cosa e' suscettibile, che si sia comportato come un proprietario accurato e diligente.*

*La prescrizione trasforma il fatto in diritto: il possesso che vi conduce deve dunque essere la manifestazione regolare del diritto che il possessore pretende avere sulla cosa e che la prescrizione consolidera'.”*[6]

*…..L'interruzione non deve esser confusa con le discontinuita'. Essa e' salvo il caso di abbandono, di derelictio, opera di un terzo, o suppone almeno l'intervento di un terzo; la non continuita' e' imputabile al possessore. L'interruzione, e ora una turbativa giuridica del possesso, ora un'interuzione del possesso, una perdita momentanea; la non coninuita' implica che il godimento non sia stato normalmente esercitato.”*[7]

L-istess awtur jgħallem illi l-pussess irid ikun **paċifiku** bil-mod segwenti:

“*Un individuo si impadronisce di un fondo con mezzi violenti: poco importa che sia per mezzo di violenze*

---

[5] Trattato Teorico - Pratico di Diritto Civile; Della Prescrizione, para. 238 pag. 190 .
[6] ibid para. 239 pag. 191 .
[7] ibid para. 242 pag. 194 .

*fisiche o morali risultanti da minacce, poco importa anche che questi mezzi violenti siano stati impiegati contro il vero proprietario o contro un'altra persona, che siano il fatto del possessore stesso o di altre persone che agiscono in suo nome. Questi atti di violenza, dice la legge, non potranno fargli acquistare il possesso utile per la prescrizione*."[8]

Dwar il-kundizzjoni l-oħra li l-pussess irid ikun **pubbliku** l-Baudry jgħid illi:

"*La clandestinita' dice il Dunod, e' un ostacolo alla prescrizione perche' il possessore nasconde il suo godimento, e gli interessati che non lo hanno conosciuto sono scusabili per non essersi opposti. Si e' possessore clandestino quando apprendendo una contestazione, si entra in possesso furtivamente e con atti oscuri, che si crede non debbano venire a conoscenza delle parti interessate, perche' e' difficile che li sappiamo. Collocandosi dal punto di vista inverso, si deve dire che il possesso e' pubblici quando e' stato esercitato a vista e saputa di quelli che l'hanno voluto vedere e sapere*…"[9]

Kundizzjoni mportanti ferm għal din il-preskizzjoni fil-liġi kontinentali hija l-pussess ***a titolo di proprietario*** jew ***animo domini***. Dwar dan l-element l-awtur ċitat jgħid illi:

"*Per poter prescrivere occorre possedere animo domini, cioe' a titolo di proprietario, o in modo piu' generale a titolo di padrone del diritto che si pretende acquistare per prescrizione. Questa non e' soltanto una semplice qualita' del possesso; e' secondo noi, nel sistema che ha ispirato i legislatori del Codice civile,* ***un elemeneto costitutivo****.*

*L'animus domini esiste presso colui che posssiede in virtu' di un titolo traslativo di proprieta', come vendita, permuta, donazione. Esiste anche presso l'usurpatore, praedo; senza dubbio questo non ignora che la proprieta' della cosa appartiene ad altri; egli e' in mala fede, ma*

[8] ibid para 251 pag. 199 .
[9] ibid para 257 pag. 204 .

*cioe' non gli impedisce di avere 'animus domini'; egli si dice proprietario e agisce come tale. Invece il fittaiuolo, il commodatario, il depositario, il tutore, il marito, e in modo generale tutti gli amministratori della cosa altrui non hanno l'animus domini; il loro stesso titolo implica il riconoscimento del diritto del proprietario*."[10]

Minn dan joħroġ illi l'atti ***di pura facolta' e di semplice tolleranza*** qatt ma jistgħu iwasslu għall-pussess jew għall-preskrizzjoni, għax kif ikompli jfisser l-istess awtur:

"*Il possesso e' un fatto che implica la pretesa ad un diritto di cui si presenta come l'esercizio.*

*Per conseguenza,perche' gli atti possano generare il possesso o la prescrizione insieme, occorre che un'usurpazione sul diritto altrui, una violazione di questo diritto generante a vantaggio di colui contro il quale l'usurpazione e' commessa un'azione giudiziaria per farla cessare. La prescrizione e' la trasformazione di uno stato di fatto in uno stato di diritto: questa trasformazione non e' possibile, com'e chiaro,se non quando il fatto implica positivamente la pretesa a un certo diritto."*[11]

Finalment il-pussess irid ikun ukoll **mhux ekwivoku.** Dan ifisser fi kliem il-Baudry illi:

*"Dicendo che il possesso deve essere non equivoco, non e' probabile che la legge abbia inteso formolare una condizione particolare distinta da quella studiata fin qui. E' piuttosto una determinazione di queste diverse condizioni, un carattere che e' comune a tutte. Si e' voluto dire che le diverse qualita' del possesso (animus domini, continuita', pubblicita'…) debbono risultare in modo chiaro, certo, non equivoco, dai fatti allegati dal possessore. Cosi' il possesso di un condominio sara' quasi sempre, equivoco dal punto di vista dell'animus domini*. *Se alcuni fatti molto significativi non vengono a dimostrare che vi e' stata la volonta' di possedere per proprio conto esclusivo, dovra'*

[10] ibid. para. 264, 265 pag. 208.
[11] ibid. para. 275 pag. 213 .

*essere considerato come se abbia posseduto per conto di tutti gli interessati e non potra' per conseguenza opporre alcuna prescrizione agli altri condomini."*[12]

Dan it-tagħlim ġie ukoll adottat mill-qrati tagħna fejn ingħad illi:

*"….għall-effikaċja tagħha bħala akkwiżittiva, din il-preskrizzjoni tippresumi l-pussess leġittimu li trid il-liġi għaż-żmien kollu tat-trentenju. Hu magħruf illi l-element tal-pussess ċivili huma tnejn, dak materjali, il-poter fuq il-ħaġa, u ieħor intenzjonali, l-animu tal-pussessur li jgawdi d-dritt fuq il-ħaġa bħallikieku hu kien il-proprjetarju tagħha 'animus et corpus, corpus possessionis, et animus possidendi vel animus domini'. Għalhekk ma hux pussess ċivili dak li jonqos fih wieħed jew ieħor minn dawn iż-żewġ elementi, b'mod illi mhux biżżejjed id-detenzjoni tal-ħaġa jew it-tgawdija tagħha mhux bħala ħaġa proprja, imma bħala ħaġa ta' ħaddieħor, għaliex allura din tkun biss detenzjoni jew tgawdija prekarja. Barra minn dan hemm bżonn illi l-pussessur ikun leġittimu u kwindi li jipproduċi l-effetti ġuridiċi tiegħu speċjalment għall-akkwist tal-proprjeta' bid-dekorriment taż-żmien. U biex dan il-pussess jista' jissejjaħ leġittimu, hemm bżonn illi jirnexxu ċerta kwalitajiet jew karattri, jiġifieri illi jkun kontinwu, mhux interrott, paċifiku, pubbliku u mhux ekwivoku*.[13]

Applikati dawn il-prinċipji għall-każ in eżami, naraw illi jidher li l-konvenuta Consiglia Vella qed tippretendi illi dik il-parti mill-porzjon A" indikata bl-aħmar fuq il-pjanta Dok. Mk 2[14] saret tappartjeni esklussivament lilha għar-raġunijiet segwenti:

(i) Michelangelo Xuereb, li kif ingħad kien wieħed mis-seba' ulied ta Joseph u Maria konjuġi Xuereb, kien ta' l-inqas sa mill-1914 qed iħallas lill-patrijiet Agostinjani l-piż piju aggravanti din l-art;[15]

---

[12] ibid para. 287 pag. 222 .
[13] Carmelo Caruana et v. Orsla Vella; kollez. vol. XXXVII. I. 705 .
[14] a fol. 216 .
[15] ara Dokti. MK 3 u 4 a fol. 217 - 218 .

(ii) Wara l-mewt tiegħu, din ir-raba baqgħet tinħadem minn ibnu Lorenzo, kif jixhdu l-affidavits taż-żewġ xhieda minnha prodotti.[16]

(iii) Permezz tat-testment ta' l-istess Lorenzo Xuereb tat-16 ta' Ottubru 1975, hija ġiet nominata werrieta universali tiegħu;[17]

(iv) Fid-denunzja tas-suċċessjoni tiegħu li saret fit-18 ta' Gunju 1976, din l-art ġiet deskritta bħala "*terz mhux maqsum f'ta' Qortin il-Qala. Fih xi tliet sigħan. Qiegħed green area. Cens perpetwu iħallas 3 ċenteżmi per annum*. *Tmiss mal-lvant ma' mogħdija fir-raba (faċċata madwar tlett piedi), ma' nofsinhar ma' ta' Toni Cutajar, mill-punent ma' beni ta' Salvu Buttigieg u mit-tramunata ma' beni ta' l-aħwa Salvina Sultana*." [18]

(v) Wara l-mewt ta' Lorenzo Xuereb, hija baqgħet tħallas iċ-ċens gravanti din ir-raba;[19] sakemm imbagħad fdiet l-istess ċens permezz ta' ċedola ta' depożitu;[20]

(vi) Hija kienet ukoll irreġistrat il-piż piju impost fuq din l-art, a tenur ta' l-Avviż Legali 36 tal-1983;[21] u

(vii) Irreġistrat ukoll l-istess art mad-Dipartiment ta' l-Artijiet, fejn apparti l-applikazzjoni relattiva,[22] ippreżentat ukoll pjanta,[23] u affidavit tagħha, biex tispjega l-provenjenza.[24]

Imma, apparti l-fatt li kif sewwa indikaw l-atturi fin-nota ta' l-Osservazzjonijiet tagħhom, Lorenzo Xuereb bħala komproprjetarju ta' l-art in kwistjoni, kellu kull dritt jaħdem din l-art, ma rriżultax li kien jaħdem proprju l-parti ndikata bl-aħmar mill-konvenuta Vella, u anqas li kien qed

---

[16] ara affidavits ta' Michael Theuma a fol. 219 u dak ta' Margherita Magro a fol. 220 – 222 .
[17] ara kopja tat-testment in atti Nutar Dr. G. Cauchi a fol. 223 – 225 .
[18] ara affidavit ta' Consiglia Vella a fol. 232 .
[19] Dok. MK 8 a fol. 226 .
[20] Dok. MK 9 a fol. 227, u ricevuta relattiva Dok. MK 10 a fol. 228 .
[21] Dok. MK 11 a fol. 229 .
[22] Dok. MK 12 .
[23] Dok. MK 13 .
[24] Dok. MK 14 .

jagħmel hekk ad esklużjoni tal-komproprjetarji l-oħra. Barra minn hekk skond ma tistqarr l-istess konvenuta, fid-denunjza tiegħu li saret fl-1976, ġie dikjarat, probabilment minnha stess bħala l-unika eredi tiegħu (kopja ta' din id-denunzja qatt ma ġiet ippreżentata fl-atti), li dan kellu "***terz mhux maqsum***" minn din ir-raba, u mhux parti diviża u identifikata. Terġa' l-kejl dikjarat fl-istess denuzja u dak indikat fuq il-pjanta minnha annessa ma' l-applikazzjoni għar-reġistrazzjoni mar-Reġistratur ta' l-Artijiet ma jaqblux. Dan għaliex fid-denunzja ingħad li din ir-raba kienet tkejjel ***tliet sigħan***, mentri fil-pjanta ta' ma' l-applikazzjoni ġew indikati "***944 metri kwadri***" (ħames sigħan). Barra minn hekk, is-sempliċi dikjarazzjoni ta' piż piju għall-fini ta' l-Avviż Legali 36 tal-1983, ma jagħti ebda titolu lid-dikjarant, u kull ma għamlet l-istess konvenuta in segwitu għall-preżentata ta' din iċ-ċitazzjoni lanqas ma jista' jkollu ebda effett għall-kisba tal-preskrizzjoni.

F'tali ċirkostanzi għalhekk żgur li ma ġiex pruvat sodisfaċentement, li l-konvenuta Consiglia Vella, u wisq inqas, l-imsemmi Lorenzo Xuereb, kellhom il-pussess *animo domini*, inekwivoku, ininterrott, paċifiku u għaż-żmien kollu li trid il-liġi fuq il-parti minnha ndikata bil-kulur aħmar mill-porzjon "A" fuq il-pjanta annessa man-nota ta' l-1 ta' Diċembru 2006.

Fir-rigward imbagħad tal-parti ndikata bil-kulur blu mill-porzjoni "B" indikata fuq il-pjanta Mk 15,[25] il-konvenuta ma ressqet ebda provi għajr is-sempliċi affermazzjoni tagħha li din ir-raba kienet inqasmet bil-kelma bejn il-kontendenti xi żmien ilu, mingħajr pero' ma speċifikat id-data jew ta' l-inqas is-sena għall-fini taż-żmien rikjest għall-preskrizzjoni. L-attur Anthony Grech għamel aċċenn għal xi tentattiv da parti ta' uħud mill-kontendenti li jaqsmu r-raba in kwistjoni b'mod simili, imma kompla jgħid li ma kienx involut kulħadd, u wisq anqas waslu għal xi ftehim f'dan is-sens.[26] Anke hawnhekk ma jistax jingħad illi ġiet ippruvata l-preskrizzjoni ta' xi parti mill-porzjon "B" a favur tal-konvenuta Consiglia Vella.

---

[25] a fol. 234 .
[26] ara depożizzjoni tiegħu quddiem il-perit legali fis-seduta tal-11.11.1997 .

Għaldaqstant ma jibqa' ebda ostakolu ieħor sabiex jiġi deċiż illi dawn il-biċtejn raba' għadhom ipposeduti in komun bejn il-kontendenti kollha f'din il-kawża. Dawn huma kollha indikati fl-arblu tar-razza ppreżentat mill-atturi fis-17 ta' Awwissu 2004.[27] L-isħma spettanti lil kull wieħed/waħda mill-kondividenti odjerni minn dawn il-beni, huma dawk indikati fl-istess arblu ġeneoloġiku, b'dana illi skond ma ġie preċiżat mill-kontendenti Imperio u Maria konjuġi Portelli bin-nota tagħhom tal-25 ta' Awwissu 2004,[28] sehem Angelo Muscat ta' 1/50 għandu jaqa' fuqhom, in vista ta' l-att ta' donazzjoni esebit ma' l-istess Nota,[29] sehem Salvina Spiteri għandu jkun ukoll ta' 1/50 u mal-lista ta' ulied Ganni Muscat, irid jiżdied isem Charmaine Muscat, li kien tħalla barra bi żvista, u li din bħal ħutha għandha kwota ta' 1/350.

Il-mod kif ġew stabiliti l-isħma rispettivi tal-kontendenti f'din il-lista, kif ikkoreġuta, jidher li ġie aċċettat minnhom kollha, għax ħadd ma ta ebda kumment sfavorevoli dwaru. Minkejja li l-perit tekniku baqa' ma qal xejn f'dan ir-rigward, huwa evidenti illi dawn il-biċtejn raba mhux komodament diviżibbli bejn daqstant persuni, u li għalhekk ma tistax tiġi evitata l-liċitazzjoni ta' l-istess beni.

Għaldaqstant l-unika mezz li bih il-kontendenti jistgħu jieħdu sehemhom minn dawn il-beni huwa billi tordna l-bejgħ in liċitazzjoni tagħhom, sabiex imbagħad ir-rikavat jinqasam bejniethom skond l-isħma rispettivi tagħhom, kif stabiliti fl-arblu ġeneoloġiku hawn fuq indikat, kif ikkoreġut.

Għal dawn il-motivi tiddeċidi l-kawża billi:

1. Tilqa' l-ewwel sat-tmienja u għoxrin talba u tiddikjara li l-assi ereditarji ta' Joseph Xuereb u martu Maria nee' Debono li għadhom ipposeduti in komun bejn il-kontendenti jikkonsistu fil-biċtejn raba fi Triq iż-Żewwieqa, il-Qala, Għawdex, indikati bħala porzjon "A" u "B" fuq is-*site plan* Dok. FC1 a fol. 191 tal-proċess u f'iżjed

[27] a fol. 190 .
[28] a fol. 194 .
[29] Dok. IPP a fol. 195 - 196 .

dettal fuq il-pjanti immarkati bħala Dok. FC 2 a fol. 192 u FC 3 a fol. 193 tal-proċess;

2. Tipprovdi dwar id-disa' u għoxrin talba u peress illi dawn il-beni mhumiex komodament diviżibbli bejn daqstant kondividenti, billi tordna l-bejgħ tagħhom in liċitazzjoni, bl-ammissjoni ta' l-oblaturi estraneji, sabiex imbagħad ir-rikavat jinqasam bejn il-kondividenti, skond il-kwoti rispettivi tagħhom, kif indikati fl-arblu ġeneoloġiku Dok. FC ippreżentat mill-atturi fis-17 ta' Awwissu 2004, kif ikkoreġut bin-nota tal-25 ta' Awwissu 2004.

L-ispejjeż, billi din hija kawża għad-diviżjoni, għandhom jiġu ssoportati mill-kontendenti, kulħadd skond is-sehem rispettiv tiegħu.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------